MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Numru. 1124/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**RHYS FITENI ta' 23 sena, iben Alfred u Isabelle nee' Catania, imwieled Tal-Pieta' nhar l-24 ta' Marzu, 1986, residenti fil-fond 111, Flat 1, Triq is-Sirena, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 148986M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Rhys Fiteni li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta' Frar, 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu jew

xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-3 ta' Marzu, 2009 u cioe':
L-Artikolu 344 u ghall-fini ta' piena l-Artikoli 267 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 7 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2009 l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni.

Rat li moqrija l-imsemmija Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ghaldaqstant, in vista' ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi Rhys Fiteni hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 344, 267, 279 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------